MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 209/1995/1

**Joseph Camilleri**

**vs**

**Carmel Zammit u Anna Zammit f`isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Adon Zammit**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza *in parte* tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi tat-8 ta' Jannar, 1996 li permezz taghha dik il-Qorti kienet irrespingiet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti (bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali) (ara fol. 30 sa 32 tal-atti tal-kawza). Fic-

citazzjoni l-attur talab li jigi dikjarat li huwa, u mhux il-konvenut Carmel Zammit, kien missier il-minuri Adon Zammit; l-attur talab ukoll il-korrezzjonijiet konsegwenzjali fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri, u li l-eventwali sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-ewwel eccezzjoni, michuda kif inghad permezz tas-sentenza msemmija, kienet fis-sens illi:
*"…l-azzjoni odjerna hi espressament ipprojbita mil-ligi, stante li hadd ma jista jattakka l-istat ta' iben legittimu ta' tifel li jkollu il-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu (Art. 81 Kodici Civili)."*

Fit-8 ta' Jannar, 1996, cioe` malli nghatat is-sentenza, il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghas-16 ta' Frar, 1996. Gara, pero`, li l-ghada li nghatat din is-sentenza *in parte* il-konvenuti talbu l-permess tal-Qorti biex jappellaw, u dan permezz ta' rikors li jinsab inserit fl-atti bejn fol. 33 u fol. 34. Dan ir-rikors gie degretat <u>kameralment</u> fl-10 ta' Jannar, 1996. Id-digriet jghid semplicement: *"Il-Qorti: Rat ir-rikors. Fic-cirkostanzi. Tilqa' t-talba."* Fis-16 ta' Frar, imbaghad, meta kellha titkompla l-kawza, il-process ma kienx ghad-disposizzjoni tal-Prim Awla, u kien hemm differimenti ohra li pero` ma humiex relevanti ghall-finijiet ta' din is-sentenza.

Ir-rikors ta' appell tal-konvenuti gie ntavolat fit-18 ta' Jannar, 1996. Fir-risposta tieghu tad-29 ta' Jannar, 1996 l-attur appellat eccepixxa preliminarjament li l-appell kien irritu u null:
*"…peress illi josta kontra tieghu l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 peress illi la intalab permess verbalment wara li nghatat is-sentenza u lanqas sar ir-rikors wara sitt ijiem."* (ara fol. 39 ta' l-atti).

Fl-udjenza tal-15 ta' Frar, 1996, din il-Qorti (diversament komposta) <u>minghajr b'ebda mod ma accennat ghall-eccezzjoni preliminari ta' l-attur appellat</u> iddikjarat l-appell irritu u null peress illi:
*"…ma jirrizultax illi l-appellant talab* **[recte:** *l-appellanti talbu***]** *l-awtorita` ta' l-ewwel Qorti biex jintavola* **[***jintavolaw***]** *dan l-appell minn decizjoni in parte…".*

Wara, pero`, rikors tal-konvenuti tat-12 ta’ April, 1996, din il-Qorti (diversament komposta kif inghad) regghet irrikjamat il-kawza quddiemha (ara digriet tal-15 ta’ April, 1996, fol. 45). Dak li evidentement gara hu, li meta l-process gie quddiem din il-Qorti l-ewwel darba, ma kienx hemm inserit fih ir-rikors tad-9 ta’ Jannar, 1996 u d-digriet tal-10 ta’ Jannar, 1996. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, ghalhekk, is-sitwazzjoni llum hi li l-eccezzjoni preliminari ta’ l-attur appellat ghadha pendenti; din l-eccezzjoni qatt ma giet formalment deciza u anqas irtirata, ghalkemm fl-udjenza tat-12 ta’ Gunju, 1996 (fol. 50) d-difensur ta’ l-appellat fisser li ma kienx qed jinsisti fuq l-eccezzjoni preliminari minnu sollevata *“…stante n-natura urgenti fil-meritu.”*

Fl-udjenza ta’ l-14 ta’ Ottubru, 2002 din il-Qorti, kif issa komposta, regghet gibdet l-attenzjoni ta’ l-avukat ta’ l-appellanti ghal din l-eccezzjoni preliminari u saru anke sottomissjonijiet dwarha mill-istess abbli difensur; u l-kawza thalliet ghas-sentenza propju fuq din l-eccezzjoni ghal-lum.

Ma hemmx dubju li r-raguni ghala ghall-bidu hadd ma ntebah (anqas l-attur appellat meta gie biex jabbozza r-risposta tieghu) bir-rikors tad-9 ta’ Jannar, 1996 u bid-digriet tal-10 ta’ Jannar, 1996 kien ghaliex, kuntrarjament ghal dik li jipprovdi l-proviso tas-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 (kif fis-sehh mill-1 ta’ Ottubru, 1995 – ara l-A.L. 131/1995), id-digriet li bih inghata l-permess sabiex isir l-appell mis-sentenza *in parte* ma nghatax fil-qorti bil-miftuh kif espressament tirrikjedi l-imsemmija disposizzjoni. Il-legislatur, li kjarament ried li r-regola tkun li minn sentenzi *in parte* ikun hemm appell biss wara s-sentenza finali, tassattivament impona l-htiega ta’ digriet fil-qorti bil-miftuh mhux biss biex il-parti l-ohra tkun taf li hemm it-talba ghal appell minn dik is-sentenza *in parte*, izda wkoll sabiex l-ewwel Qorti tkun tista’ tisma liz-zewg partijiet qabel ma taghti l-permess taghha in via eccezzjonali. Ghalhekk l-eccezzjoni tinkwadra f`dak li jipprovdi l-Artiklu 789(1)(c) tal-Kap 12. Fil-fehma tal-Qorti l-eccezzjoni preliminari kif migjuba mill-attur appellat fir-risposta tieghu tad-29 ta’ Jannar, 1996, tinkludi necessarjement il-kwistjoni ta’ kif inghata l-

imsemmi permess. U peress li dana l-permess ma nghatax skond il-ligi, u kien jinkombi fuq il-konvenuti appellanti li jaraw li dana jinghata skond il-ligi, din il-Qorti sejra tilqa' l-eccezzjoni preliminari msemmija.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-attur appellat fil-parametri ta` dak li inghad hawn aktar `il fuq, u konsegwentement tiddikjara l-appell irritu u null, u tirrinvija l-atti quddiem l-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri fl-appell ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet. A skans ta` ekwivoci l-meritu ta`l-appell jibqa` impregudikat u jibqa` impregudikat id-dritt ta` appell mis-sentenza in parte appellata wara li tinghata s-sentenza finali mill-Ewwel Qorti.

Dep/Reg